MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2003

Numru. 16/1998
Kawza Numru. 11

Il-Pulizija
(Spt. Carmelo Bartolo)
(Spt. Antonello Grech)

- vs -

Paul Cardona

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Paul Cardona, 38 sena, iben Charles u Regina nee' Tabone, mwieled Kercem, Karta tal-Identita' numru 25659 (G), kif riportata a fol 1 tal-process bil-mod segwenti:

**Talli matul il-lejl ta' bejn it-3 ta' Frar 1998 u l-4 ta' Frar 1998, waqt li kien fil-bazi militari tal-Qortin limiti tan-Nadur, Ghawdex, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu fl-immanigjar tal-armi, jew b'nuqqas ta' tharis ta'**

**regolamenti, permezz ta' arma tan-nar (pistola tas-servizz) spara u ikkaguna il-mewt ta' Eucharist Cassar mix-Xewkija.**

Rat il-kunsens tal-avukat generali tat-2 ta' Marzu, 2000 sabiex l-imputat ikun ggudikat minn din il-Qorti ghal-dak li hemm mahsub fl-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali u dan skond l-artikolu 370(3)(a) Kap 9;

Rat illi l-akkuzat iddikjara illi ma kellux oggezzjoni li k-kaz tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi fil-lejl ta' bejn it-3 u l-4 ta' Frar, 1998, Gunner Eucharist Cassar ta' 38 sena instab mejjet b'ferita ta' arma tan-nar f'rasu, fil-Control Room fil-barracks militari ta' Qortin, in-Nadur, Ghawdex, b'pistola tas-servizz magenbu.

Ir-rizultanzi tal-awtopsja kondotta fuq il-kadavru ta' Eucharist Cassar ikkonfermaw illi miet b'mod istantaneu kawza ta' lacerazzjonijiet massivi fir-ras provenjenti minn ferita b'arma tan-nar. Dan kien ukoll konfermat mill-ispecjalista forensiku Dr. Mario Scerri li kkonkluda illi l-isparatura saret minn arma li kienet qed tmiss ma' ras il-vittma u l-isparatura saret b'mod orrizontali minn wara l-widna tal-lemin ghall-kranju fuq ix-xellug tar-ras. Dan l-espert wera dubji serji kemm dan seta kien suwicidju minhabba l-fatt li l-"entry wound" kienet wara l-widna u l-arma intuzat b'mod orizzontali, haga li mhix indikattiva ta' suwicidju, skond l-istess espert.

Il-Pulizija kienet hadet il-verzjonijiet tal-kollegi ta' Eucharist Cassar li kienu mieghu f'dawk il-hinijiet. Wiehed minn dawn il-kollegi kien l-imputat, il-bombardier Paul Cardona, li rrilaxja stqarrija **<u>fil-5 ta' Frar,1998</u>** u qal li f'nofs il-lejl bejn it-3 u l-4 ta' Frar, 1998 kien irritorna fil-Control Room sabiex johrog in-nies tat-tieni ghassa u pogga l-arma tan-

nar fuq il-mejda bil-pouch miftugh u bil-magazine fl-arma. Malli pogga l-arma fuq il-mejda beda jikteb fil-'patrol report' meta dahal il-vittma biex jiehu l-arma halli jmur fuq l-ghassa tieghu u ghalhekk l-imputat infurmah illi kellu l-magazine fl-arma bi tmien rounds u appena kien beda jkellem lill-Gunner Galea, sema "hoss tal-ikkokjar tal-arma tas-servizz u f'dak il-hin stess, smajt hoss ta' sparatura gejja minn naha ta' fejn kien qieghed Karist…" (fol. 83). L-akkuzat ikkonferma illi l-arma kienet ghadha kemm giet ghandhom dak in-nhar stess u li Karistu kien spara ghal-rasu izda ma jafx jekk kienx intenzjonat jew le.

**__Fl-14 ta' April, 1998__**, l-imputat kien irrilaxxja stqarrija ohra biex jibdel il-verzjoni originali tieghu. F'din l-istqarrija Cardona qal li hu kien qieghed l-arma fuq il-medja u din kienet kompluta bil-pouch meta dahal flimkien ma' Gunner Silvio Tabone li rega hareg ftit wara. Ftit wara li hareg Tabone dahal Eucharist Cassar li kien imissu johrog fuq l-ghassa u qabad l-arma minn fuq il-mejda, "harigha mill-pouch taghha u beda jilghab biha fis-sens li dan beda idawwarha f'idejh bhal donnhu beda ihares lejn il-genb taghha." (fol 85). Il-magazine kien fl-arma izda mhux imdahhal sa gewwa u Cardona kien informa lill-Cassar li dik kienet arma gdida u li kienet giet dak in-nhar stess. Meta rah jitgerfex, resaq lejh biex jurih kif jaghmel l-arma safe u ikkokjaha "bhala parti mil-procedura tas-safety" (fol 86) b'idu il-leminija fil-waqt illi l-arma kienet f'idu ix-xellugija. Cardona kompla jispjega illi huwa kien bil-hsieb li l-arma kienet vojta u safe u malli kellu l-arma ma' ras Cassar, precizament fuq il-lemin ta' rasu qallu " "Hekk qeghda safety catch ara, ha nara tfaqqax u dak il-hin gbidt il-grillu u l-arma tan-nar tas-servizz sparat" (fol 86). Fl-istqarrija iffirmata mill-imputat hemm registrat illi huwa qal lill-Gunner Lawrence Galea jghid li Cassar kien qabad l-arma minn fuq il-mejda u spara ghal-rasu. L-imputat jghid li hu ghamel hekk kien bezghan hafna. Fit-tieni stqarrija tieghu Cardona ikonferma illi huwa spara l-arma ma' ras Cassar b'cajta ghaliex kellu f'mohhu li ma kienitx ikkargata. Cardona kien ikkonferma l-istqarrija tieghu u cioe tal-14 ta' April 1998 l-ghada bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti.

L-akkuzat xehed ukoll quddiem din il-Qorti fit**-13 ta' Ottubru 2000** u fid-deposizzjoni tieghu ikkonferma fl-intier taghha l-ewwel stqarrija li kien ta fil-5 ta' Frar 1998 u effetivament rtira dak li kien qal fl-istqarrija tieghu tal-14 ta' April 1998. L-akkuzat qal illi huwa kien siefer fl-1 ta' April 1998 u mar-ritorn tieghu Malta fl-14 ta' April kien eskortat mill-Pulizija mill-ajruport lejn il-Depot tal-Pulizija u l-akkuzat irrilaxxja it-tieni stqarrija ghaliex beza li kienu ser isawtuh. It-test tal-parti tad-deposizzjoni tal-akkuzat hija hawn riprodotta u tghid hekk (fol 692):

**Jiena malli wasalt id-depot kien hemm is-Supretendent [riferibilment ghas-Supretendent Bartolomeo Mula] u l-Assistant Kummissarju Rizzo u qaluli "Ahna lilek m'ahniex nemmnuk", x'hin regghu bdewli bl-istorja kollha. Ghidtilhom "jiena mhux jiena sparajtha l-arma". Qaluli "iva inti sparajtha". Qaluli "Ahna ghandna kollox fic-car". Is-Supretendent qalli "Mhux billi mort titqaddes fejn ohtok is-soru, lanqas jekk jinzel Alla mis-sema ma jiena ha nemmnek" u jiena bzajt u remghu jsabbtu jdejhom fuq il-mejda u s-Supretendent Rizzo qalli "Jiena ghandi dawn il-provi". Dahhal sebghu gol-klamar tal-linka, ghamel hekk u qalli "Ghandi dawn il-provi". Qalli "Issa l-gimgha d-diehla nghidulek izjed". Imbaghad jiena bzajt u bzajt li ha jsawtuni.**

L-akkuzat qal illi r-rakkont li jinsab fl-istqarrija tal-14 ta' April huwa d-diskors tal-Ispettur Bartolo u ghazel li jiffirma l-istqarrija wara li l-Pulizija semmewlu l-familja.

In-kontro ezami l-akkuzat ikkonferma illi l-istqarrija tieghu tal-14 ta' April, 1998, kien ikkonfermaha bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti l-ghada li iffirmaha u dana fil-bini tal-Qorti t'Ghawdex. Minn hawn hareg ukoll illi l-akkuzat kien jaghmel parti mil-Korp tal-Pulizija ghal zmien cirka sitt xhur u li waqt l-interogatorju kull darba li l-Ispetturi xorbu l-kafe' kienu offrew l-istess lill-akkuzat u li minn meta rrilaxxja l-istqarrija fl-14 ta' April, 1998 ma kien avvicina lill-hadd, hlief avukat, sad-data tad-deposizzjoni tieghu fit-13 ta' Ottubru 2000.

L-Gunner Lawrence Galea li ssemma aktar kmieni xehed illi huwa kien fil-Control Room qed jaqra ktieb meta dahal l-akkuzat, pogga pistola bil-pouch fuq il-mejda u beda jikteb xi haga fuq il-log book. Hames minuti wara dahal Karistu Cassar u pogga fuq ras il-mejda u l-imputat newwillu l-arma. Cassar harigha minn gol-pouch u beda jhares lejha u jdawwarha b'mod konfuz qisu ra ghall-ewwel darba u l-akkuzat offra li jurih kif tahdem u semghu jikkarga l-arma. Huwa fehem li kien ser jurih kif jahdem is-safety u rega kompla jaqra. F'hin minnhom sema lill-akkuzat jghid halli nara tihux u jisma t-tir u jara lill-Cassar jgholli idejh il-leminija, ipoggiha wara widnejh u jaqa lura mal-art waqt li l-imputat gibed l-arma lura u halliha taqa' mal-art u jghid "… hadet". (fol.181) Galea ukoll ta zewg verzjonijiet ta' kif gara l-incident - din tal-ahhar hija opposta ghal-dik li ta' fl-ewwel istqarrija tieghu li taqbel ma' l-ewwel stqarrija ta' Cardona u cioe tal-5 ta' Frar, 1998. Huwa spjega illi kien ta verzjoni differenti ghar-raguni segwenti:

**Jiena ghidt hekk ghax il-bumbardier Cardona bdejt nithassru ghax kien mifxul u wara illi staqsejtu x'konna ser nghamlu huwa qalli 'tghid xejn, anqas ma tghid aktar ahjar', irrid nghid ukoll illi jien thassartu ghax huwa familja ghandu wkoll. Minhabba f'hekk jiena ma ghidtx il-verita' kollha. (fol 184 u 185).**

Illi dawn il-verzjonijiet jehtieg qabel xejn ikunu konfrontati ma' fatti ohra li jiffurmaw parti mill-evidenza tal-kaz in dizamina. Kif gia kien rilevat, l-ezamijiet forensici urew illi l-bullet li qatlet lill-Ewkaristu Cassar dahlet minn wara l-widna l-leminija u li l-arma kienet qed tmiss mar-ras meta kienet sparata. L-espert forensiku ikkonkluda li dan mhux sintomatiku ma att suwicida sia minhabba l-fatt illi l-arma kienet qed tmiss ma' wara l-widna kif ukoll minhabba li l-arma kienet mizmuma b'mod orrizzontali fil-hin tal-isparatura.

Illi r-rizultanzi tal-perizja dwar il-gun shot residue urew illi kienu saru ezamijet forensici sia fuq il-persuna kif ukoll il-hwejjeg tal-vittma, ta' Paul Cardona u Lawrence Galea – it-tliet persuni li kienu fil-kamra fil-hin tal-incident. Minn

dawn l-ezamijiet jirrizulta illi fuq il-gisem u l-hwejjeg ta' Cassar instabu disa particelli ta' gun shot residue (GSR), fuq Paul Cardona sbatax-il particella u fuq Lorry Galea tlett particelli. L-abbli espert spjega x'inhuma il-karatteristici tal-isparatura u li l-ghola koncentrazzjoni ta' particelli ta' GSR tinstab immedjatament wara li l-persuna tkun sparat arma tan-nar u li l-koncentrazzjoni ta' particelli ta' GSR tibda tonqos hekk kif jibda ghaddej il-hin mal-attivita' tal-persuna. Wara illi ikkonsidra illi kien ghadda ammont ta' hin sakemm ittiehdu l-hwejjeg u kien swabbed il-Bumbardier Paul Cardona, l-ammont ta' particelli ta' GSR misjuba kien wiehed gholi hafna, l-istess espert ikkonkluda illi hemm probabilita' kbira hafna li Paul Cardona kien spara arma tan-nar. (fol 321). L-istess espert, ikkonkluda ukoll illi fuq il-persuna ta' Cassar kienu instab numru zghir ta' particelli ta' GSR u ftit ghall-persuna li jkun spara arma tan-nar u b'hekk ikkonkluda illi kien improbabbli li l-Gunner Eucharist Cassar kien spara arma tan-nar. Minn din il-perizja jirrizulta ukoll illi ma nstabu ebda particelli ta' GSR fuq id il-leminija ta' Eucharist Cassar. Fuq il-persuna u hwejjeg ta' Lawrence Galea, ukoll prezenti fl-istess kamra fil-hin tal-incident, instabu tlett particelli ta' GSR.

Ikkunsidrat:

Illi l-allegazzjoni tal-akkuzat illi huwa ikkonfessa l-kommissjoni tar-rejat taht pressjoni tal-Pulizija issa jehtieg tkun ezaminata ukoll.

Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Carmel Camilleri u Therese sive Tessie Agius** (9.10.1998) kien deciz illi ir-rilaxx ta` stqarrija da parti ta` min ikun qieghed interrogat mill-pulizija huwa fakoltattiv, fis-sens li dana m'ghandu l-ebda obbligu li jirrilaxxja stqarrija jew li jirrispondi ghal domandi mposti lilu mill-pulizija. Min dan jirrizulta l-principju fondamentali li stqarrija trid tkun volontarja, u mhux spontanea, sabiex ikollha valur probatorju. L-oneru tal-prova li starrija tkun saret volontarjament jaqa` dejjem fuq il-prosekuzzjoni, bhal kull prova ohra. Il-prosekuzzjoni ghandha taghti prima facie evidence ta` l-ezistenza ta` dan ir-rekwzit, li malli jirrizulta sodisfatt, l-oneru tal-prova

kuntrarja jigi spustat ghal fuq l-imputat jew akkuzat li jkun qed jallega li l-istqarrija tieghu kienet ittiehdet b'wiehed mill-metodi kkontemplati fl-artikolu 658 tal-Kodici Kriminali. Jekk l-imputat jew akkuzat jaghmel allegazzjoni li stqarrija ma ttihditx volontarjament, il-kriterju li ghandu jkun adottat huwa jekk, il-fatti allegati minnu, kinux tali li operaw fuqu b'mod li waslluh biex jghid dak li qal, li altrimenti ma kienx jghid. Fi kliem iehor, hu jrid jaghmel il-prova: tal-fatti minnu allegati; u li dawk il-fatti kellhom fuqu l-effett li huwa qed jallega. Dawn il-provi, biex ikollhom l-effett desiderat minnu, iridu jiggeneraw dubbju ragonevoli li l-sitqarrija tieghu giet irrilaxxjata volontarjament. Id-dubbju rikjest mil-ligi ghandu jigi ggenerat, jew minn argumentazzjoni, jew minn fatti adegwatament ippruvati mid-difiza, jew sabiex dan id-dubbju jkollu effett li jindebbolixxi serjament il-kaz tal-prosekuzzjoni. Sabiex stqarrija tkun volontarja, ma tridx tkun giet irrilaxxajta mill-imputat jew mill-akkuzat minhabba biza` li jista` jsofri xi pregudizzju, jew bit-tama li jikseb xi vantagg, jew minhabba xi forma ta` oppressjoni, bhala rizultat ta` intervent minn persuna ta` awtorita’.

Fil-kawza **Il-Pulizija vs Donald Vasallo et** (30.04.1998), il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet illi sabiex stqarrija tkun dikjarata inammissibbli, ghandu jkun ppruvat u mhux semplicement allegat minghajr provi li jissostanzjaw dik l-allegazzjoni, li tali stqarrija kellha xi difett intrinsiku jew li jirrendiha invalida. Kull kaz ghandu l-partikolaritajiet tieghu u ghar-rigward ta' stqarrijiet huwa importanti u essenzjali ukoll li wiehed jara l-karattru ta' dak li jkun investigat, jekk kellux xi kazijiet ohra qabel u jekk kellux esperjenza ta' cirkostanzi simili precedenti. Wiehed ukoll ghandu jinnota l-mod ta' kif irrisponda ghad-domandi dak li jkun investigat liema domandi jkunu sarulu mill-ufficjal investigattiv, jekk kienx negattiv fir-risposti tieghu, fis-sens li ghazel li ma jirrispondi ghal xejn, bhal ma ghandu kull dritt li jaghmel, u cirkostanzi ohra li mehuda lkoll flimkien juru li l-investigat kien qed jirrilaxxja dik l-istqarrija kienx fil-fatt mahkum minn xi biza' jew fi stat psikologiku tant hazin li spicca minn go fih kull sens ta' volontarjeta'.

Ghalhekk il-Qorti jehtieg issa illi tasal ghall-konkluzzjonijiet taghha dwar l-allegazzjoni tal-akkuzat qua t-tehid b’mod

involontarju tat-tieni starrija tieghu a bazi ta’ oppressjoni tal-ufficcjali investigattivi.  F’dan ir-rigward jehtieg ukoll ikun adoperat it-test tal-hekk imsejjah “yard stick” fil-gurisprudenza Ingliza.  Dan ghaliex il-grad, status, posizzjoni fil-hajja, xoghol u elementi ohra jimpingu serjament fuq il-grad ta’ tolleranza tal-persuna f’cirkostanzi diversi.  L-akkuzat qal illi huwa ammetta u rrilaxxja l-istqarrija tal-15 ta’ April, 1998 ghaliex beza mill-Pulizija wara li qalulu li ghandhom il-fatti f’idejhom, l-Assistant Kummissarju deffes subajgh fil-klamar tal-inka u semmewlu l-familja.  Ghalkemm huwa difficli ghall-imputat biex jipprova din l-allegazzjoni, l-imputat ma jistax jitqies bhala suxxettibbli ghal din il-forma ta’ biza fl-ipotezi li dan seta kien minnu.  L-imputat huwa suldat fil-Forzi Armati ta’ Malta; ghamel ukoll zmien, minkejja qasir, fil-Korp tal-Pulizija u ghalhekk ma jistax jitqies li huwa l-hekk komunement imsejjah “the common man in the street” f’sitwazzjonijiet bhal dawn li qed jattakka.  Inoltre huwa irrisponda fl-affermattiv ghad-domanda jekk kienx minnu li kull darba li l-ufficcjali tal-Pulizija xorbu l-kafe” kienux offrewlu ukoll u inoltre ma ngiebet ebda prova ta’ dewmien fl-arrest.

Huwa rilevanti l-fatt illi l-imputat baqa’ sieket ghal tul dan iz-zmien kollu u kif ma qal xejn la meta kienu esebiti iz-zewg stqarrijiet tieghu u anqas meta xehdu l-Assistent Kummissarju John Rizzo, is-Supretendent Bartolomeo Mula u l-Ispettur Carmelo Bartolo.  Il-kontro-ezami ta’ dawn it-tliet xhieda certament kien okkazzjoni utili ghad-difiza biex isostni t-tezi taghha izda ma saru ebda domani f’dan ir-rigward.  Cio nonostante, kull ma ntqal mill-imputat hu li kien bezan mill-gesti u diskors tal-ufficcjali investigattivi u dan sentejn u tmien xhur wara l-akkadut.

Il-Qorti hi tal-fehma ukoll l-imputat kellu jipprova l-allegazzjoni tieghu kif rinfaccjata bl-istqarrija u xhieda guramentata tal-Gunner Lawrence Galea, haga li mghamilx u li seta ghamel l-ghada stess quddiem il-Magistrat Inkwirenti fil-bini tal-Qorti t’Ghawdex.

Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi dwar din l-istqarrija illi ma hemm l-ebda raguni ghaliex ghandha biss tikkontempla li din ittiehdet taht xi forma ta' biza jew oppressjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-provi f'dan il-kaz juru illi l-imputat kien responsabbli mill-qtil involontarju tal-kollega tieghu Gunner Ewkaristu Cassar u ghalhekk issib lil Paul Cardona hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Wara li rat l-art 225 tal-Kap 9;

Ikkunsidrat:

Dwar il-piena, wara li rat il-fedina penali netta tal-imputat; wara li hadet in konsiderazzjoni il-fatt illi l-imputat holoq cirkostanzi fittizji biex jahbi r-responsabilita` tieghu u b'hekk oskura il-verita` dwar il-kollega tieghu meta gieghel jitwemmen illi dan qatel ruhu b'idejh; wara li qieset illi l-imputat ghamel dak li proprju il-ligi u l-istituzzjoni li taghha kien jifforma parti, l-Forzi Armati ta' Malta, jghallmuh biex jevita ghas-sigurta tal-poplu;

Ikkunsidrat illi din il-Qorti kienet certament thares b'mod divers lejn dan il-kaz kieku l-arma hadet f'idejn l-imputat b'mod accidentali waqt li kien qed jirrendiha "safe". Izda l-imputat addirittura ghafas l-arma ma' ras il-vittma biex jurih li ma tistax tkun sparata meta tkun fuq is-"safety mode".

Ghalhekk tikkundanna lill-imputat ghal-terminu ta' prigunerija ta' tmintax-il xahar (18) mil-lum.

--------------------------------TMIEM--------------------------------